MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2002

Numru 72/2002

Il-Pulizija(Spettur Chris Pullicino)
vs

Claudio Mallia

Il-Qorti,Rat l-akkuza migjuba kontra Claudio Mallia bin Anthony u Rita nee Cuschieri imwieled Pieta' fit-8 ta' Ottubru 1981 u joqghod Flt 7, Bieb A , Triq Sant Ursula Valletta ID 557681 (M) talli fis-26 ta' Jannar 2002 ghal habta ta' xi 12.30 p.m. fi Triq l-Assedju, Floriana bil-hsieb li jikkommetti delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghal esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta tieghu, liema delitt ta' serq li kieku sehh kien ikun aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur ghad-danna ta' Antonia Muscat minn Haz Zabbar.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi tahti is-setgha lill privat li jarrestaw lill hati,

arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna u cioe lill Antonia Muscat kontra il-volonta’ taghha.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li hu kien qed jaghmel delitt kontra persuna, kellu fil-pussess tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari u cioe’ strument li jaqta’ bil-ponta.

U finalment akkuzat talli fl-istess jum, hin u cirkostanzi f’diversi bnadi f’dawn il-gzejjer zamm u garr strument li jaqta’ bil-ponta minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Semghet ix-xhieda.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fl-udjenza tal-lum.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

L-imputat hu akkuzat ta’ tentattiv ta’ serq aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur, ta’ sekwestru ta’ persuna u ta’ pussess ta’ arma tan-nar ossia strument li jaqta’ u bil-ponta.

L-imputat fl-udjenza tal-lum ammetta volontarjament u inkondizzjonalment l-akkuzi migjuba kontra tieghu u baqa’ jippersisti fl-ammissjoni nonostante li l-Qorti taghtu zmien biex jahsibha.

Stante l-ammissjoni l-Qorti ser tghaddi direttament biex tiddecidi l-kawza.

Rat l-artikolu 261(a)(b)(c), 262, 263, 264, 267, 41, 86, 17 tal-Kap 9 u 13 tal-Kap 66 qeghda tpoggi lill-imputat taht ordni ta’ probation skond l-Art 5 tal-Kap 152 bil-kondizzjonijiet skond l-annessa formola li ghandha tifforma parti minn dina s-sentenza u bil-kundizzjoni esplicita li jaghmel u jifinalizza programm ta’

rejabilitazzjoni residenzjali jew alternattivement li darba kull gimgha jissottometti ruhhu ghat-test tal-urina a diskrezzjoni tal-ufficjal tal-probation li qieghed jigi nominat fil-persuna ta’ Carmen Nygard.

--------------------------------TMIEM--------------------------------